MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 278/2009

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li skond il-klawsola numru tmienja [8] tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat mill-partijiet u pubblikat fit-18 ta' Novembru 2005, l-attur kien obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom minuri, D u E, li twieldu rispettivament fid-9 ta' Marzu 1993 u fl-4 ta' Novembru 1995, is-somma ta' LM65 [illum €151.45] kull gimghatejn, rivedibbli kull sentejn, oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri; li dak iz-zmien il-konvenut kellu impieg regolari mal-kumpanija Rock Cut Limited b' paga bazika €232.35 fil-gimgha; li sussegwenti ghall-kuntratt, l-attur tilef l-impieg tieghu minhabba ragunijiet ta' sahha fis-

sena 2006; li, kif certifikat mid-Direttur tal-Psikjatrija Dottor Joseph Saliba u l-Psikjatra Dottor Mark Xuereb, l-attur mhuwiex fil-pozizzjoni li jahdem minhabba l-marda tieghu, u konsegwenzjaliment huwa gie boarded out, u waqa' fuq il-beneficji socjali; li l-ammont ta' dawn il-beneficji ghamlha mpossibbli ghalih li jkompli jonera l-obbligu kontrattwali tieghu stipulat fl-imsemmija klawsola 8 tal-kuntratt tas-separazzjoni; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-attur qed isofri minn kondizzjoni medika li tirrendih inkapaci li jahdem; [2] tiddikjara li din l-kondizzjoni medika tikkostitwixxi forza magguri ndipendenti mill-volonta' tieghu, u tirrendih fl-impossibilita' fizika li jonera l-imsemmija obbligi tieghu; [3] tordna c-cessjoni jew varjazzjoni ta' l-imsemmi obbligu; [4] u li dan ikun b' effett retroattiv mid-data li fiha l-istess attur sar inkapaci jahdem minhabba dik il-kondizzjoni; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta, debitament ingunta, ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tezentah mill-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas lill-attrici retta alimentarja bhala manteniment ghaz-zewg ulied minuri, u spejjez relattivi, fit-termini tal-klawsola numru 8 tal-kuntratt tas-separazzjoni fuq indikat, stante li qed ibati minn kondizzjoni medika li poggietu fl-impossibilita' li jonera dan l-obbligu, u li din l-ezenzjoni tkun wahda retroattiva.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li fil-kuntratt tas-separazzjoni, dan assuma l-obbligu li jhallas lill-attrici is-somma LM65 [illum €151.45] kull gimghatejn rivedibbli kull sentejn, bhala l-kontribut tieghu, ghall-manteniment taz-zewg ulied tal-partijiet, D u E, li llum ghandhom 17 u 15 rispettivament,

oltre nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u sahha tal-minuri. F' dak iz-zmien huwa kien impjegat b' paga bazika ta' €232.35 fil-gimgha.

Illi mix-xhieda ta' l-ispecjalisti fuq indikati jirrizulta li l-attur ibati minn Bipolar Mood Disorder, u dan sa mis-sena 2000. Di fatti sat-2 ta' Ottubru 2006 huwa kien gie rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli ghal kura f' erba' okkazzjonijiet.

Illi fid-9 ta' Dicembru 2006 huwa tilef l-impieg tieghu minhabba ragunijiet ta' sahha, senjatament din il-kondizzjoni; u fis-27 ta' Dicembru 2006 l-imsemmi konsulent iccertifika li "as a result of the natural progession of his disorder he has recently lost his employment, and is currently being rehabilitated following a recent admission. His condition has deteriorated to an extent that he is no longer able to hold regular gainful employment and as such it would no longer be possible for him to support himself financially, let alone keep ut maintenance payments. Given the nature of his condition, this situation is likely to persist for an indefinite period of time into the future."[1] Din id-dijanjozi giet sussegwentement konfermata mill-Psikjatra Dottor Mark Xuereb fit-18 ta' Ottubru 2007, u fit-12 ta' Marzu 2009, fejn kkonferma li l-attur kien u ghadu "unfit for work".

L-imsemmi Dottor Saliba fix-xhieda tieghu jghid li kien hu li kien applika ghall-attur sabiex dan jiehu l-beneficju ta' l-invalidita', u jispjega li "meta gejt biex naghzel bejn, temporanju u permanenti, jiena stess [fis-17 ta' Jannar 2008] kont diga' ddikjarajt li nghodda bhalla haga permanenti."[2] Jghid li kien kiteb li "This patient's inablity to work is the final and permanent outcome of long standing severe recurrent disorder which has got progressively worse."[3]

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur beda jiehu l-ghajnuna socjali ta' LM34.74 fil-gimgha mill-24 ta' Frar 2007, flimkien ma'

[1] Fol.15
[2] Fol.53
[3] Ibid.

xi bonuses mit-13 ta’ Jannar 2007. Sussegwentement huwa gie boarded out fit-23 ta’ Marzu 2008; u beda jiehu pensjoni ta’ l-invalidita’ ta’ €138.33 fil-gimgha mis-19 ta’ Jannar 2008[4].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta dar u manifest li, rebus sic stantibus, l-attur huwa fl-impossibilita’ reali li jonera l-imsemmija klawsola kontrattwali fit-termini taghha, tenut kont tar-riduzzjoni drastika fl-introjtu tieghu.

Minn naha l-ohra huwa qed jgawdi minn pensjoni ta’ invalidita’ li tippermettilu li jhallas ammont zghir bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ta’ uliedu. Ghalhekk, tenut kont li l-obbligu tal-genitur li jmantni lil uliedu huwa ta’ natura assoluta, tenut kont tal-mezzi u l-introjti rispettivi, il-Qorti tikkunsidera xieraq li l-attur jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tfal minuri, limitatament u esklussivament, fl-ammont ta’ €35 fix-xahar ghal kull minuri sakemm, jalqu t-tmientax-il sena jew jibdew jahdmu regolament, liema manteniment huwa pagabbli lill-konvenuta; u dan b’ effett retroattiv mis-19 ta’ Jannar 2008.

Illi rigward il-perijodu precedenti ghal din id-data, li jirrizali sad-9 ta’ Dicembru 2006, il-Qorti minn din id-data tezenta lill-attur milli jhallas manteniment, stante li l-introjtu tieghu bejn din id-data u s-19 ta’ Jannar 2008 kien jirrendi mpossibbli ghall-attur li dan jikkontribwixxi ghall-manteniment ghal uliedu, inkluzi l-ispejjez relatati ma’ l-edukazzjoni u sahha taghhom.

**Decide**
Ghaldaqstant tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba;
[2] tilqa’ t-tieni talba;
[3] tilqa’ t-tielet talba limitatament billi tvarja l-manteniment dovut lill-konvenuta ghall-ulied minuri kif stipulat fl-imsemmija klawsola kontrattwali, fis-sens li l-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta ghaz-zewg

[4] Fol.55

ulied minuri jkun kif fuq indikat fis-sezzjoni ntestata “Konsiderazzjonijiet tal-Qorti”;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba fis-sens li tordna li din il-varjazzjoni jkollha effett retroattiv mis-19 ta’ Jannar 2008; filwaqt li tezenta lill-attur kompletament mill-obbligi kontrattwali tieghu naxxenti mill-imsemmija klawsola numru tmienja [8] ghall-perijodu li jestendi mid-9 ta’ Dicembru 2006 sas-19 ta’ Jannar 2008.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------